**Minuti tal-Laqgħa ta' Kontinwazzjoni tas-Seba' u Għoxrin (27) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 18 ta' Marzu 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.** Data u ħin

** *Preżenti għal-Laqgħa*: Attendenza

| | |
|---|---|
| Il-Perit Graziella Galea | Sindku |
| Is-Sur John Bray | Viċi - Sindku |
| Is-Sur Peter Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Bartolo | Kunsillier |
| Is-Sur Alexander Bezzina | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Gauci | Kunsillier |
| Is-Sur Alfred Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tabone | Kunsillier |
| Is-Sur Martin Zerafa | Kunsillier |
| Rose Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

8.00 ***Kwotazzjonijiet:***

***a) Sistema ta' Irċevuti Elettroniċi***

Ic-Cyberspace kienu konformi fejn tidħol sigurta iżda ma kellhomx faċilita' tal-layout tal-lokalita'. Il-Kunsill approva li l-kwotazzjoni tingħata lill-2exel għal prezz hekk kif ġej:

| | |
|---|---|
| **2exel Systems** | |
| Solution Development | € 1,156.40 |
| First Year support - Phone - E-mail | € 129.80 |
| | € 1,286.20 |
| Additional Permit | € 80 + VAT |
| Additional Report | € 80 + VAT |
| On-Site Support (1st Hour ) | € 40 + VAT |
| ( Additional hours) | € 20 + VAT |

***b) Servizz ta' Podiatrija***

Il-Kunsill irċeva dawn il-kwotazzjonijiet hawn taħt elenkati:

| *Isem* | *Adress* | *Ammont* |
|---|---|---|
| Rosemarie Lanfranco | | N/A |
| Charlene Joan Sant | Olymar 5, Triq Il-Femici Qrendi, QRD 1671 | € 10 per patient |
| Simon Spiteri | | |
| Jean Pirotta | 69, Jolie, Triq iz-Zerniq B'Kara | € 40 per hour /max of 4 patients |

Il-Kunsill talab li niċċekkjaw maċ-Centru ta' Matul il-Jum jekk hemmx anzjani li għandhom bżonn dan is-servizz.

***Il-Kunsillier Alex Bezzina daħal fil-kamra.**

*c) Kwotazzjoni ta' Welcome Boards*

Peress li ma daħlet l-ebda kwotazzjoni, ġie deċiż li terġa' tinħareġ sejħa.

*d) Kwotazzjoni għal funtana għal Burmarrad*

Il-Kunsill għandhu jikklarifika mad-Dipartiment dwar jekk il-VAT għandiex tkun inkluża mas-somma marbuta ma' kwotazzjoni.

*e) Kwotazzjoni għal post fejn jinżammu l-korsijiet*

* Il-Kunsillier Alfred Grima iddikjara kunflitt ta' interess u rtira mill-kamra

B'referenza għall-kwotazzjonijiet li nfetħu fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill innota li l-kwotazzjoni ta' Joseph Quattromani biss ma qabżitx il-limitu tal-kwotazzjoni.

Ġie deċiż li f'dan l-istadju l-kunsilliera nkarigati li jaraw il-binjiet għal liema ntefgħet espressjoni ta' interess jara' l-binjiet kollha.

****Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-kamra.***

9.00 ***Espressjoni ta' Interess għall-Akkwist ta'***

***a) Bini biex iservi bħala Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar***

Ġie deċiz li l-Kunsill iżur il-postijiet kollha li fadal nhar is-Sibt 27 ta' Marzu 2010 fid-9.00am flimkien mal-postijiet li ghalihom ntefghet kwotazzjoni sabiex ikunu jistghu jinżammu l-korsijiet.

***b) Pubblikazzjoni ta' Magazine tal-Kunsill***

Il-Kunsill irċeva tlett kwotazzjonijiet hekk kif ġej:

| *Isem* | *Adress* |
|---|---|
| Dorian Cassar | Kottoner Media - 144, Matty Grima Street, Cospicua BML 1161 |
| Ray de Bono | Dmax Studios(Malta) - 5, Dmax House, Saviour Street, Attard, ATD 1543 |
| Nicky Camilleri | Repro House Co Ltd. - A28h, Industrial Estate, Marsa MRS 3000 |

***Il-Kunsillier Mario Camilleri daħal fil-kamra.**

Saret referenza għall-Minuti tal-Erbgħa u Għoxrin Laqgħa, item 14.05 fejn kien hemm approvazzjoni fejn din il-kariga tgħaddi f'idejn is-Sindku.

Ġie deċiż li ssir laqgħa ma' kull min issottometta l-interess.

10.00 **Ħatra ta' Sotto-Kumitat Aspetti Soċjali**

Il-Kunsill approva li l-membri tas-Sotto-Kumitat iċċerjat mill-Kunsillier Mario Camilleri, ikunu hekk kif ġej:

Kunsillier Mario Camilleri: Chairperson
Kunsillier Alfred Grima
Is-Sna Isabella Debatista (Bella)
Is-Sna Beatrice Asciak (Bice)
Is-Sur Frank Agius
Is-Sur Joseph Vella

Kien hemm qbil li l-ewwel laqgħa tissejjaħ għal nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu 2010 fl-4.00pm.

11.00 **Rapport tar-Risk Assessment tal-Bandli tal-Lokal**

Il-Kunsillier Mario Camilleri ġie mitlub li jirrapporta dwar ir-Risk Assessment tal-Bandli. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss. Fuq rakkomandazzjoni tiegħu, il-Kunsill qabel li l-*ispring rockers* li huma mkissrin għandhom jitneħħew filwaqt li l-ELC għandu jirranġa mill-aħjar li jista' dan il-ġnien tax-Xemxija (Olympic Gardens). Il-Kunsill għandu jara li jekk xi apparat tal-bandli hu fi stat ta' periklu jitneħħa.

12.00 **Zoni tal-Għawm għal-Lokalita'**

Il-Kunsill approva li ż-żona tal-għawm hekk kif ippreżentata u rreveduta mill-Awtorita' Marittima ta' Malta. Gie deċiż ukoll li tintbagħat *reminder* dwar il-proposta tal-Kunsill għaż-żona tal-għawm fil-Qawra.

13.00 **Il-Probation tal-iskrivani Maria Ferriggi u Anna Vassallo**

Il-Kunsill approva li dawn l-iskrivani ikomplu bil-kuntratt definit.

14.00 **Follow-up tal-Attivita' Kulturali għal Frar 2010: L-400 Anniversarju tat-Torri Wignacourt**

Is-Sindku u l-Kunsillier Frank Gauci kienu nkarigati minn din l-attivita'. Is-Sindku irringrazjat lill-Kunsillier Frank Gauci, il-Kumitat tal-Festa kif ukoll lil Din l-Art Ħelwa u lil kull min għen sabiex din l-attivita' tkun suċċess. Il-kunsilliera urew is-sodisfazzjon taghhom ghal kif giet organizzata din l-attivita'. Il-Kunsillier Alfred Grima issuġġerixxa li f'attivitajiet futuri jitqassmu flyers dwar siti storiċi fil-lokalita'. Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li din tista' issir għall-attivita li jmiss ta' Festa Bdiewa Burmarrad.

*Il-Kunsillier Jason Camilleri skuża ruħu u ħareġ mill-kamra.**

**15.00 Aġġornamenti**

**Il-Kunsillier Alfred Grima**

15.01 Irrefera għall-mozzjoni dwar *energy saving* u staqsa jekk il-bozzoz tal-Kunsill kienux inbidlu. Ir-risposta kienet li dawn inbidlu u l-istqarrija kienet intbgħatet. Staqsa wkoll dwar il-carbon footprint. Mozzjoni: Enerġija

15.02 Talab ir-rendikont ta' kemm il-Kunsill ħallas lill-konsulenti sabiex napplikaw għall-proġetti tal-Ewropa. Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill qed jaħdem permezz tal-MUESAC li toffri servizz ta' konsulenza dwar proġetti tal-Ewropa offrut mill-Gvern Centrali bla ħlas. Konsulenti

15.03 Is-Sindku qalet li applikajna għall-***Bus Platform***, iżda dan il-proġett m'għaddiex Bus Platform

15.04 Talab kjarifika tal-ħlasijiet abbinati mal-iskema Urban Improvment Fund. UIF: kjarifika

15.06 Saret referenza għalll-ispeed cameras li fejn ġie iċċarat li l-ħlas irid isir mill-Kunsill jew mill-*Pooling* abbażi ta' servizz f'San Pawl il-Baħar. S'issa t-Transport Malta talbu pjanti ta' *traffic signs* u qatt ma ġejna nnfurmati li mhux ser teħel. Gie deċiż li l-Kunsill jara f'hiex wasal il-każ. Speed Camer: By-Pass f'San Pawl il-Baħar

**Il-Kunsillier Raymond Tabone**

Staqsa dwar it-tender li għandha tinħareġ wara l-*Covenant of Mayors Agreement*. Covenent of Mayors

**Il-Kunsillier Frank Gauci**

15.07 Ippropona li l-Kunsill jorganizza trasport għas-Seba' Viżti li se ssir flimkien mal-Istitut Soċjo Kulturali San Pawl kif ukoll ħarġa sabiex ir-residenti jassistu għall- pageant li ssir fil-Għargħur. Attivita Kulturali

Il-Kunsill qabel.

15.08 Ippropona li fl-1 ta' Mejju 2010 jiġi organizzat jum ħieles bla karozzi, bħala inizjattiva favur l-ambjent fejn għandha tiġi organiżżata maratona. Gie deċiż li nistennew il-Forum tal-NGO's sabiex nkomplu naħdmu fuq din l-attivita'. Attivita 1 ta' Mejju 2010

15.09 Staqsa dwar plakkek dwar siti storiċi u l-mappa. Il-Kunsillier Ray Bartolo infurmah li s'issa applikajna għal dawn il-proġetti taħt l-iskema ta' ERDF Measure 313 u 323. Il-Kunsill għadu kif issottometta espressjoni ta' interess sabiex jerġa' jissottometti proġett ieħor simili. Mappa tal-Lokal

15.10 Irringrazzja lill-Kunsill talli sar xi traqqiegħ fi Triq San Gorġ.

***Il-Kunsillier Peter Abela**

15.11 Staqsa dwar il-*oneway* proposta fi Triq il-Wardija għal żmien il-Wardijafest. Din it-talba tressqet lit-Trasport Malta. Ippropona li l-Kunsill jipprovdi żewġ gwardjani lokali bejn l-10.00am u l-5.00pm. Il-Kunsill approva. Gie deċiż ukoll li fuq il-*banner* li tirriklama din l-attivita', kif ukoll f'kull reklamar ta' din l-attivita' għandu jkun hemm il-logo tal-Kunsill. Il-Kunsill approva wkoll trasport għall-istudenti tal-ITS li ser jipparteċipaw volontarjament f'din l-attivita'. Wardijafest

Il-Kunsillier Alfred Grima ġibed l-attenzjoni li għall-ikla ta' nofsinhar waqt din l-attivita' dejjem ikun hemm l-istess nies. Il-Kunsillier Peter Abela qal li l-postijiet ikun riżervati minn sena qabel.

15.12 Ippropona li qabel l-Għid, il-*planters* jitpoġġew matul il-promenade iżda mhux fejn hu dejjaq u fihom Planters matul il-

jitħawlu l-pjanti li ma jmutux bil-baħar bħas-sena l-oħra.

Promenade

15.13 Ippropona li jitpoġġew pajpijiet ta' tlett pulzieri maġenb id-dawl dekorattiv sabiex magħhom jeħlu l-festuni.

Pajpijiet

15.14 Ippropona li l-Kunsill jordna tletin jarda konkos sabiex jirranġa l-bankina ta' Burmarrad. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li ma taqax fir-responsabilta tal-Kunsill u kien hemm komunikazzjoni dwar dan ma' Trasport Malta. Ġie deċiż li jsir follow-up ta' fejn wasal il-każ.

Bankina Triq Burmarrad

**Kunsillier Martin Zerafa**

15.15 Ippropona li għall-futur jinsab post alternattiv fejn jitpoġġew il-qsari matul l-istaġun tax-Xitwa minhabba li bhalissa dawn qeghdin jigu storjati ghand il-privat.

Post Alternattiv: Qsari

15.16 Staqsa meta se jsir ix-xoghol fuq is-sebgħa u tletin ilment li kien ressaq. Is-Sindku talbitu jsemmi liema huma dawn is-sebgħa u tletin każ.

Tiswija ta' Bankini

**Kunsillier Ray Bartolo**

15.17 Informa lill-Kunsill li hu u s-Sindku qed jaħdmu fuq żewġ proġetti tal-ERDF li għalihom issottomettew żewġ espressjonijiet ta' interess separati lill-MUESEC li se jgħinu fil-mili tal-applikazzjonijiet.

ERDF

15.18 Staqsa dwar il-kaptelli tal-arbli tal-festa ta' Burmarrad. Is-Sindku qalet li, waqt laqgħa tal-Kunsill, kien hemm deċiżjoni li jsiru mill-ħaddiema tal-*public works*, iżda jidher li l-kuntatt ma sarx. Sadanittant is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għalkemm ordni ta' xogħol ma nħarġitx, il-kuntrattur tal-Kunsill kien qal li dawn riedu jagħmluhom mill-ġdid u l-ispiża kienet se togħla.

Ġie deċiż li jsir kuntatt bejn il-kumitat tal-festa ta' Burmarrad u l-uffiċjal inkarigat tat-taqsima tax-xogħolijiet tal-gvern.

Hofor tal-arbli tal-festa għal Burmarrad

15.19 Il-Kunsillier Ray Bartolo staqsa dwar il-fondi speċjali għall-bandli ta' Burmarrad. Is-Sindku spjegat li l-applikazzjoni saret skond il-ħsarat li kien hemm fl-istess bandli.

Fondi Speċjali: Bandli Burmarrad

**Kunsillier Mario Camilleri**

15.20 Staqsa x'sar mill-5% abbinati max-xogħol tal-latrina tas-Sirens. Is-Sindku nfurmatu li dalgħodu kien hemm laqgħa bejn il-Kunsill u d-Dipartiment għal-Gvern Lokali fejn kien hemm preżenti ukoll l-avukat tal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-avukat tal-Kunsill jikteb lid-Direttur tal-Gvern Lokali wara din il-laqgħa.

*5%*

15.21 Staqsa jekk l-*ispeakers* approvati xi tlett laqgħat ilu nxtrawx. Ir-risposta kienet li nxtraw.

Speakers

15.22 Staqsa f'hiex wasal il-proċess tal-bibien il-ġodda għal-latrina tas-Sirens. Il-kuntrattur ilu jwiegħed li se jlesti l-bieb ta' wara u jwaħħlu fil-ġimgħat li ġejjin.

**Sindku Graziella Galea**

15.23 Irreferiet għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u qalet li ġiet infurmata li l-anzjani m'humiex kuntenti fil-kwartieri tal-iskawts. Id-direttur infurmatha li jekk din is-sitwazzjoni se tippersisti iċ-Ċentru se jingħalaq. Ġie deċiż li tinħareġ sejħa għal offerta.

Ċentru ta' Matul il-Jum

15.24 Se tiġi sottomessa applikazzjoni abbinata mal-Karnival taħt il-proġett Malta-Italia bejn il-Kunsill Lokali Tarxien, il-Kunsill Lokali Nadur u l-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, u xi kunsilli Taljani. Il-finanzjament ser ikun dak ta' 15% fejn wiehed jista' japplika għal *Co-Financing Fund*. Is-Sindku proponiet li minn din is-sena tittella' attivita' tal-karnival fit-tielet *weekend* ta' Awissu. Il-Kunsill qabel.

Proġett Malta-Italia

15.25 Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jibgħat żewġ rappreżentanti sabiex jipparteċipaw għal seminars u għaċ-ċerimonja li se ssir Spanja fejn se jitħabbar ir-rebbieħ tal-European Enterprise Award li fil-kategorija li applika ghaliha l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, lokalment intrebħet mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. Wieħed mill-parteċipanti se jkun issussidjat mill-istess proġett u l-ieħor imħallas mill-Kunsill. Gie deċiż li jipparteċipaw is-Sindku u l-Kunsillier Peter Abela li ħadem fuq il-proġett peress li l-kunsilliera l-oħra ma jistgħux jattendu. European Enterprise Award

15.26 Il-Kunsill ma ġiex magħżul għall-European Destination of Excellence. *European Destination of Excellence*

15.27 Ressqet proposta dwar PC4/10 dwar żvilupp ta' ħames sulari u penthouse li jieħdu 50% *site coverage* fi Triq il-Qawra. Il-Kunsill talab estensjoni tad-data tal-egħluq sabiex jiltaqa' mal-iżviluppatur qabel il-Kunsill jissottometti l-veduti tiegħu. PC 4/10

15.28 Ressqet proposta dwar bdil ta' kjosk tal-injam eżistenti għal waħda tal-ġebel fil Bognor Beach Club f'Dawret il-Ġżejjer. Il-Kunsill talab estensjoni tad-data tal-għeluq sabiex jiltaqa' mal-iżviluppatur qabel il-Kunsill jissottometti l-veduti tiegħu. PA 5991/09

15.29 Beda il-bdil ta' servizzi fi Triq id-Dolmen u fi Triq il-Laċċi u x-xogħol ser ikompli fit-toroq tal-inħawi. Triq il-Laċċi

15.30 Talbet l-approvazzjoni sabiex issir wirja ta' mudelli ta' erbgħin karozza ġappuniża fil-31 ta' Marzu 2010 fil-pjazza. Ġie deċiż li jħallu depożitu ta' €230 f'każ ta' xi ħsarat liema depositu jitħallas lura jekk ma jsirux ħsarat. Kunsill approva. Wirja ta' Mudelli ta' Karozzi

15.31 Il-Kunsillier Alfred Grima rrefera għad-dgħajjes li jinsabu l-Veċċa fejn fosthom hemm dgħajsa bla magna li ilha soġuta mingħajr permess sa mill-2007. Il-Kunsillier Peter Abela qal li kienet se tintefa' il-baħar u sid il-krejn talab firma. Ġie deċiż li niċċekkjaw x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar jekk din tistax tiġi mneħħija riskju tas-sid. Dgħajsa bla permess Il-Veċċja

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li peress li anke l-qiegħ tmermer, għandna nżommu lil sidha responsabbli jekk iweġġa' xi hadd.

15.32 Is-Sindku pproponiet li l-laqgħa tiġi sospiża sakemm il-perit tal-Kunsill jagħti spjega tal-proposti abbinati mal-ġnien ta' quddiem il-Menqa fi Triq San Geraldu. Ġnien fi Triq San Geraldu

Wara li l-laqgħa tkompliet, is-Sindku pproponiet li l-Kunsill japprova l-proġett hawn mehmuż li se jiġi nkluż fl-applikazzjoni għall-fondi taħt l-iskema tal-ERDF. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Frank Gauci. Il-proposta għaddiet *Nem Con*.

16.00 **Egħluq tal-Laqgħa**

Peress li ma kienx hemm aktar x'jiġi diskuss il-laqgħa ntemmet fit-8.25pm. Il-laqgħa li jmiss ġiet skedata għal nhar il-Ħamis 8 ta' April 2010 fil-5.30pm.

***Perit Graziella Galea** B.E.&A. (Hons), M.Sc. (Road Eng.), A.&C.E.*
***Sindku***

***Rose Camilleri** DPA*
***Segretarju Eżekuttiv***